3. It-tielet motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tad-dritt għall-proprjetà.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq eċċezzjoni ta' illegalità tar-Regolament Nru 267/2012 ([1]) u tad-Deċiżjoni 2010/413 ([2]), li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata b'eżekuzzjoni tagħhom, sa fejn, minn naħa, huma ġew adottati bi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni stabbilit mill-Artikolu 296 TFUE u bi ksur tal-Artikolu 215 TFUE u, min-naħa l-oħra, id-dispożizzjonijiet rilevanti, li abbażi tagħhom inżammu l-miżuri restrittivi imposti fuq ir-rikorrent, jiksru t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

([1]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, tat-23 ta' Marzu 2012, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 (ĠU L 88, p. 1).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, tas-26 ta' Lulju 2010, dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK (ĠU L 195, p. 39).

---

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2014 – Neka Novin vs Il-Kunsill

**(Kawża T-436/14)**

(2014/C 253/81)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Neka Novin (Yusef Abad, l-Iran) (rappreżentant: L. Vidal, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill sabiex tinżamm is-sanzjoni imposta fuq ir-rikorrenti, kif imsemmi fl-avviż tal-15 ta' Marzu 2014;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball ta' liġi, sa fejn il-motiv mogħti għaż-żamma tal-miżuri restrittivi, imposti fuq ir-rikorrenti, ma huwiex biżżejjed.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni, sa fejn il-konvenut ikkunsidra b'mod żbaljat li r-rikorrenti akkwistat tagħmir speċjalizzat li għandu applikazzjoni diretta fil-programm nukleari Iranjan.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur ta' proporzjonalità u fuq id-dritt għall-proprjetà.

---

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2014 – Metalúrgica Galaica vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-442/14)**

(2014/C 253/82)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Metalúrgica Galaica [Narón (A Coruña) Spanja] (rappreżentant: A. López Gómez, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni